MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 1323/1995/1

Grezzju **VELLA** u Marianna *sive* Anna Vella; u b'degriet tad-29 ta' Settembru, 1997, il-ġudizzju għadda fuq Paul Bonavia minflok l-imsemmi Grezzju Vella

vs

Anton **CAMILLERI** bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' AME Limited

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-29 ta' Settembru, 1995, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-kuntratt magħmul bejn il-partijiet fit-3 ta' April, 1995, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar, dwar

bejgħ ta' ġnien fuq wara tal-post bin-numri sitta u tletin (36) u sebgħa u tletin (37), Triq iż-Żenqa, fin-Naxxar, ma kienx jgħodd għaliex l-istess kuntratt fih għadd ta' żbalji li jolqtu s-sustanza nnifisha tiegħu u minħabba li l-kunsens tal-attur kien vizzjat bi żball billi hu ma tax il-kunsens tiegħu skond il-liġi, u kif ukoll għaliex kien meħud b'qerq jew għamil doluż, u wkoll għaliex l-istess kuntratt kien nieqes minn kawża leċita; u (b) tirrexindi, tħassar u tannulla l-istess kuntratt u tieħu l-provvedimenti kollha xierqa u meħtieġa biex dan isir, fosthom li taħtar nutar biex jippubblika l-att ġudizzjarju meħtieġ u kuraturi biex jidhru għal dawk li jonqsu li jersqu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-kumpannija mħarrka fil-25 ta' Ġunju, 1996, li biha laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex magħmula minn tiżwieqa ta' kawżali li ma joqogħdux ma' xulxin jew li jmieru lil xulxin u li, f'kull każ, ma jwasslux biex il-kuntratt jitqies mingħajr siwi. B'żieda ma' dan, tgħid li l-atturi ma jistgħux iressqu kawża fuq allegat illeċitu li ħadu sehem fih bi qbil tagħhom infushom. Minbarra dan, jekk kien minnu li l-atturi mhux tassew tħallsu l-flus imsemmija fuq l-att, tgħid li l-azzjoni ma kellhiex tkun waħda biex tħassar il-kuntratt, imma azzjoni li titlob li jsir il-ħlas li kien għadu ma sarx. Fil-mertu, laqgħet billi qalet li ma teżisti l-ebda raġuni, la fil-fatt u lanqas fil-liġi, li ġġib in-nullita' tal-kuntratt li sar bejn il-partijiet;

Rat in-Nota mressqa mill-attur fit-13 ta' Novembru, 1996[1], li mehmuża magħha kien hemm affidavit tal-istess attur, ta' Anthony Cassar u tan-Nutar Pierre Cassar, flimkien ma' xi dokumenti;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-3 ta' Ġunju, 1997, li bih ħalliet il-kawża *sine die*, sakemm issir il-leġittimazzjoni tal-atti wara l-mewt tal-attur Grezzju Vella;

[1] Paġġ. 25 sa 48 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-29 ta' Settembru, 1997[2], li bih u fuq talba magħmula b'rikors imressaq minn Paul Bonavia, ordnat it-trasfużjoni tal-ġudizzju fil-persuna ta' dak ir-rikorrent mill-persuna tal-attur defunt Grezzju Vella. Filwaqt li, b'degriet ieħor mogħti dak inhar ukoll, fuq rikors ieħor tal-imsemmi Paul Bonavia, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tad-19 ta' Jannar, 2005[3], li bih ċaħdet it-talba tal-kumpannija mħarrka biex jitneħħa mill-atti affidavit imressaq mill-attur Paul Bonavia fl-4 ta' Jannar, 2005;

Rat id-degriet ta' dik l-istess Qorti tad-19 ta' Jannar, 2005, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, astjeniet mili tibqa' tisma' iżjed din il-kawża;

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta fi Frar tal-2005;

Semgħet ix-xhud imressaq mill-attur;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Novembru, 2005, li bih ordnat lill-kumpanija mħarrka tressaq ix-xhieda li kien fadlilha bil-mezz tal-affidavit, u tatha żmien biex tagħmel dan;

Rat li l-kumpannija mħarrka ma ressqitx iżjed provi;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Jannar, 2007[4], li bih ordnat li l-partijiet iressqu Noti ta' Sottomissjonijiet u tathom żmien sakemm jagħmlu dan;

Rat li l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet in-Nota tagħha;

Rat l-atti tal-kawża;

---

[2] Paġ. 58 tal-proċess
[3] Paġ. 134 tal-proċess
[4] Paġ. 155 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta’ Mejju, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta’ kuntratt pubbliku minħabba vizzju tal-kunsens, simulazzjoni u minħabba kawża illeċita. L-atturi aħwa Vella kienu biegħu lill-kumpannija mħarrka ġardina li kienet tinsab fuq in-naħa ta’ wara ta’ post fi Triq iż-Żenqa, fin-Naxxar. Jgħidu li dak li tniżżel fil-kuntratt ma kienx jaqbel ma’ dak li kien miftiehem tassew bejn il-parijiet fuq l-att tal-konvenju li sar qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Minħabba f’hekk, qegħdin jitolbu t-tħassir tal-kuntratt;

Illi l-kumpannija mħarrka laqgħet billi qalet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex għaliex hija taħlita ta’ kawżali li ma joqogħdux flimkien. Minbarra dan, ma kien hemm l-ebda ċirkostanza li kellha twassal biex il-kuntratt jitħassar, imma, fl-agħar ipoteżi, biex issir talba għall-ħlas li kellu jsir;

Illi minn dak li joħroġ mill-fatti tal-każ jirriżulta li fid-29 ta’ Marzu, 1995[5], l-atturi aħwa Vella resqu fuq konvenju ma’ l-imħarrek Anton Camilleri, li kien qiegħed jidher għall-kumpannija mħarrka AME Limited (aktar ’il quddiem imsejħa “AME”). F’dik il-kitba, kien maqbul li Vella jbiegħu u jittrasferixxu lil AME “nofs indiviż tal-ġardina fabbrikabbli ... munit bil-permess tal-bini ... inkluż il-post retropost għall-istess ġardina”, fin-Naxxar, b’faċċata fuq Triq iż-Żenqa. Dan il-bejgħ kien imwiegħed bil-prezz ta’ Lm 36,500, li minnhom Lm 6,000 kellhom jitħallsu dak inhar mal-konvenju. Iżda kien miftiehem li kemm is-somma mħallsa akkont mal-konvenju u kif ukoll il-bilanċ kellhom jitħallsu minn AME lil wieħed Anthony Cassar, kif delegati mill-bejjiegħa Vella[6]. Il-konvenju kellu jibqa’ fis-seħħ għal seba’ (7) xhur u l-ġnien kien qiegħed jinbiegħ mikri lil terzi;

[5] Dok “B”, f’paġġ. 11 – 2 tal-proċess
[6] Affidavit ta’ Anthony Cassar, f’paġ. 40 tal-proċess

Illi l-għada, it-30 ta' Marzu, 1995, l-attur (f'ismu u f'isem ħutu) daħal fi ftehim ma' wieħed Joseph Xuereb (f'isem kumpannija tiegħu bl-isem ta' Joe X. Limited) biex xi artijiet li kellhom l-aħwa Vella jiżviluppawhom flimkien mal-imsemmija kumpannija. Il-ftehim kien jgħid li filwaqt li l-aħwa Vella jipprovdu l-art, il-kumpannija tiffinanzja l-ksib tal-permessi u l-ispejjeż tal-bini tal-qatgħat ta' art li kellha ttellagħhom l-istess kumpannija. Meta mbagħad jinbiegħ dak li jinbena, l-aħwa Vella jieħdu ħamsa u għoxrin elf lira (Lm 25,000) mill-prezz tal-bejgħ, il-kumpannija tiġbor l-ispejjeż minfuqa biex bniet il-qatgħa tal-art li tinbiegħ, u mill-qligħ li jifdal, Vella u l-kumpannija jaqsmu bejniethom indaqs. Dan il-proġett kellu jsir billi l-partijiet jiffurmaw kumpannija fi żmien sitt (6) xhur minn dak inhar[7];

Illi f'anqas minn ġimgħa wara li sar il-konvenju ma' AME, sar il-kuntratt fit-3 ta' April, 1995[8]. F'dak l-att, il-bejjiegħ (l-attur Grezzju Vella, li kien qiegħed jidher ukoll f'isem oħtu Marianna) biegħ lil AME il-ġnien kollu retropost għal u aċċessibbli mill-fond bin-numru sitta u tletin (36), Triq iż-Żenqa, Naxxar, liema ġnien kellu aċċess ukoll minn Triq Ħal Dgħejf. Fl-istess att issemma li l-ġnien kien qiegħed jinbiegħ bil-pussess battal, li kellu kejl "bħala entita' u mhux bħala kwantita'" ta' elf metru kwadru u bil-prezz ta' tletin elf lira Maltin (Lm 30,000) li l-bejjiegħa iddikjaraw li kienu qegħdin jirċievu fuq l-att. Fl-istess att sar ftehim ukoll li l-bejjiegħa u AME "jissieħbu sabiex jiżviluppaw l-art in kwestjoni, billi x-xerrej (AME) japplika u jottjeni l-permessi tal-bini u jippresta xogħol ta' bini u kostruzzjoni fuq l-art kollha hawn deskritta a spejjeż tiegħu". Kien miftiehem ukoll li, "meta timbiegħ lil terzi, l-ewwel li jitħallsu huma l-vendituri (l-aħwa Vella), imbagħad jitħallas ix-xerrej (AME) tal-ispejjeż li jkun nefaq u li jibqa' jinqasam f'sehem indaqs";

Illi dak inhar ukoll, l-attur deher fuq żewġ kuntratti oħrajn ippubblikati mill-istess Nutar Pubbliku Dottor Pierre Cassar. F'wieħed minnhom kien biegħ xi art lill-istess kumpannija mħarrka, filwaqt li fl-ieħor kien biegħ sehem mhux maqsum minn art oħra fin-Naxxar ukoll lil Xuereb;

---

[7] Dok "GV3", f'paġġ. 37 – 9 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġġ. 7 – 10 tal-proċess

Illi l-attur kien ibati minn kundizzjoni kronika fil-kliewi[9] li kienet teħtieġlu li, darba kull tlitt ijiem, jidħol l-isptar għad-dijalisi. Meta kien ikun taħt il-makna, kien jitkagħbar u jkollu bżonn il-mistrieħ. L-attur jgħid li Anton Camilleri (d-direttur ta' AME) kien beda jiffittah b'mod aggressiv wara li sar il-konvenju[10]. Fit-2 ta' April, 1995, l-attur kien imissu jmur għad-dijalisi fl-isptar. L-għada, kemm Camilleri u kif ukoll l-imsemmi Xuereb kienu sabuh f'Tas-Sliema wara nofsinhar u saħqu miegħu b'qawwa biex imorru jagħmlu l-kuntratt. L-attur jgħid li "tant baqgħu jiffittawni li biex neħles minnhom" fl-aħħar aċċetta li jmur magħhom għand in-nutar biex jagħmlu l-kuntratt tal-ġardina;

Illi jirriżulta li, meta waslu għand in-nutar u daħlu biex jagħmlu l-kuntratt, l-attur lemaħ xi pjanti li kien hemm mifruxa quddiem in-nutar u ra li dawk kienu juru xi artijiet oħrajn tiegħu, imma mhux il-ġardina li dwarha suppost kienu marru biex jagħmlu l-kuntratt. Dak il-ħin, l-attur qabad irid joħroġ 'il barra mill-uffiċċju, imma Camilleri laqgħu u għalaqlu l-ħruġ. Kien in-nutar li widdeb lil Camilleri biex iħalli lill-attur joħroġ għaliex dak li kellu jsir ma setax isir bl-isfurzar. L-attur ħareġ 'il barra u hu u sejjer lejn il-karozza tiegħu (l-attur kien xufier ta' *taxi*), Xuereb ħajru jidħol jieħu xi ħaġa f'kafeterja. L-attur daħal ma' Xuereb, u ftit wara daħal ukoll Camilleri. Il-kliem reġa' waqa' fuq il-kuntratt tal-ġardina u Xuereb u Camilleri ħajru lill-attur biex jeħilsu minn dak il-kuntratt u hu qabel magħhom u reġgħu marru lura għand in-nutar;

Illi sakemm in-nutar ħejja l-kuntratt tal-ġardina, Xuereb reġa' webbel lill-attur biex jeħilsu wkoll il-kuntratti l-oħrajn. L-attur iddiskuta xi kundizzjonijiet u meta Xuereb qabel magħhom, wera li kien lest li jagħmilhom ukoll. Huma għarrfu lin-nutar b'dan kollu u talbuh ilesti wkoll il-kuntratti l-oħrajn dak inhar. L-attur jgħid li sa ma n-nutar lesta l-abbozzi, kienet qabditu għajja kbira u jgħid li sa ma nqraw il-kuntratti kien għoddu raqad. Qajmuh biex jiffirma l-kuntratti. L-attur iffirma l-karti li ressqulu quddiemu. Dak il-ħin ma tħallas l-ebda flus dwar il-kuntratti li kien għamel

[9] Dokti "A" u "B", f'paġġ. 77 – 9 tal-proċess
[10] Affidavit tiegħu f'paġġ. 27 – 8 tal-proċess

ma' Camilleri u ma' Xuereb. Fuq il-kuntratt, deher kemm f'ismu u kif ukoll f'isem oħtu Marianna;

Illi meta n-nutar bagħat kopji tal-kuntratti lill-attur, dan deherlu li dak li kien hemm fihom ma kienx dak li kien miftiehem li jsir. Kellem avukat bla tnikkir. Sadattant, bejn l-attur u Camilleri u Xuereb kienu nqalgħu xi kwestjonijiet u nfetħu kawżi[11]. Fit-22 ta' Awissu, 1995, bagħat ittra uffiċjali lil AME. Fit-13 ta' Settembru, 1995[12], in-Nutar Pierre Cassar għamel dikjarazzjoni dwar il-ġrajja li seħħew fl-uffiċju tiegħu dak inhar tal-kuntratti. Fid-29 ta' Settembru, l-attur fetaħ din il-kawża;

Illi il-konsiderazzjonijiet legali prinċipali f'dan il-każ iduru mal-kwestjoni tas-siwi tal-istess kuntratt fuq il-kapaċita' ta' waħda mill-partijiet li kienet parti fih u fuq elementi oħrajn li l-liġi tqis bħala essenzjali għas-siwi ta' kull kuntratt. L-attur isejjes l-azzjoni tiegħu fuq vizzji tal-kunsens tiegħu għall-imsemmi kuntratt, liema vizzji jikkonsistu (a) fis-simulazzjoni, (b) fl-iżball ta' fatt li jaqa' fuq il-ħaġa nnifisha u (ċ) fil-qerq tal-parti l-oħra kontraenti. Huwa jallega wkoll il-kawża illeċita. Fuq dawn iż-żewġ kawżali ewlenin, l-attur jitlob ir-rimedju tat-tħassir tal-kuntratt li huwa għamel ma' AME u t-tqegħid ta' kull parti fl-istat li kienet qabel sar il-ftehim (jiġifieri, qiegħed jitlob ir-rexissjoni);

Illi jingħad sewwa ħafna li "*l-istabilita' tal-kuntratti hija waħda mill-presupposti tal-konvivenza soċjali, u għalhekk il-liġi tirrikonoxxi l-liberta' tal-kuntratti u tagħti lill-kontraenti kwalunkwe faċilita' biex jaraw l-affarijiet tagħhom sew qabel ma jingħaqdu fil-ftehim. Huwa biss fejn ikun pruvat li l-kuntratt huwa effett ta' żball ta' fatt invinċibbli fl-akkwirent, jew ta' għemil doluż, gravi u determinanti pratikant mit-trasferent, li l-liġi tagħti r-rimedju tar-rexissjoni ta' l-att, u l-oneru ta' dik il-prova huwa mixħut għal kollox fuq spallejn l-atturi*"[13];

Illi dwar **il-kwestjoni tas-simulazzjoni** l-attur jgħid li ma kienx minnu dak li ngħad fil-kuntratt dwar il-prezz

---

[11] Affidavit ta' Anthony Cassar, f'paġġ. 41 – 2 tal-proċess
[12] Dok "GV3", f'paġġ. 43 – 8 tal-proċess
[13] P.A. **9.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Schembri et vs Azzopardi et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.726**)

miftiehem tal-oġġett tal-kuntratt u lanqas dwar il-ħlas tal-prezz li suppost sar mal-istess att. L-attur jgħid li l-prezz imsemmi fil-kuntratt ma kienx jaqbel mal-prezz miftiehem dwar l-oġġett fuq l-att ta' konvenju. Minbarra dan, jisħaq li ma kienx minnu li AME ħallset il-prezz mal-kuntratt, liema bilanċ ta' prezz baqa' ma tħallas qatt;

Illi l-Qorti tqis li huwa minnu li bejn l-ammont imsemmi fl-att ta' konvenju li sar fid-29 ta' Marzu, 1995, u dak imsemmi fil-kuntratt li sar ħamest ijiem wara, hemm nuqqas ta' qbil. Tali differenza hija bejn dak li kien maqbul dak inhar tal-konvenju u dak li kien għadu dovut bħala bilanċ sa dak inhar tal-kuntratt. L-istess ħaġa tingħad dwar in-nuqqas ta' ħlas tal-prezz fuq l-att, minkejja l-kliem espressi tal-kuntratt li jgħidu li l-prezz (jew aħjar, il-bilanċ) kien qiegħed jitħallas fuq l-att;

Illi mill-provi mressqa, joħroġ ċar li kulma tħallas mill-prezz miftiehem kienet is-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm 6,000) b'delega tal-attur lil wieħed Anthony Cassar[14]. In-nutar li ippubblika l-kuntratt iddikjara wkoll[15] li dak inhar li huwa ippubblika l-kuntratt, ma tħallsux flus mix-xerrejja lill-attur *proprio* u *nomine*. Meta Anton Camilleri (direttur ta' AME) xehed[16], stqarr ukoll li l-prezz tal-bejgħ mhux imħallas. Huwa jgħid li, minbarra l-ħlas akkont li sar lil Anthony Cassar b'delega mill-attur, kien ħallas ukoll is-somma ta' elfejn u mitt lira Maltin (Lm 2,100) dak inhar tal-kuntratt b'*cheque* maħruġ lin-nutar bħala taxxa dovuta mill-attur dwar il-bejgħ, u akkont tal-prezz ta' dak il-bejgħ. Huwa jgħid li l-bilanċ ma ħallsux għaliex, sadattant, l-attur kien fetaħlu din il-kawża;

Illi minkejja s-serjeta' tal-fatti hawn fuq imsemmija, din il-Qorti m'hijiex tal-fehma li ċ-ċirkostanzi tal-każ iwasslu għall-eżistenza ta' simulazzjoni. Dawn iċ-ċirkostanzi setgħu jinkwadraw ruħhom taħt xi kawżali oħra ta' annullabilita' tal-kuntratt, imma l-attur ma għażilx li jibni l-azzjoni tiegħu fuqha. Ma jista' bl-ebda mod jingħad li l-partijiet fuq il-kuntratt eskludew għal kollox li riedu jagħmlu

---

[14] Affidavit ta' Anthony Cassar f'paġġ. 40 – 2 tal-proċess
[15] Dikjarazzjoni tan-Nutar Pierre Cassar, f'paġ. 47 tal-proċess
[16] Ara affidavit tiegħu f'paġ. 101 tal-proċess

xi rabta kuntrattwali bejniethom. Fl-ewwel lok, ma ntweriex (mill-attur) li kien hemm raġuni għalfejn hu u AME għamlu kuntratt għad-dieher biss. Fit-tieni lok, iċ-ċirkostanzi kollha juru li f'xi żmien qruib dak inhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt, l-istess partijiet riedu li jidħlu f'rabta kuntrattwali bejniethom. Dawn il-fatti, għalhekk, jeskludu s-simulazzjoni assoluta;

Illi lanqas ma jista' jingħad li l-partijiet kellhom f'moħħhom li riedu jaħbu taħt id-dehra ta' kuntratt ta' bejgħ xi sura oħra ta' negozju li seta' kellhom bejniethom. Mill-att tal-konvenju nnifsu u mix-xhieda tal-attur ukoll, jidher li bejnu u AME l-ħsieb kien li jsir kuntratt ta' bejgħ. U dak huwa l-kuntratt li sar. Dan jeskludi wkoll is-simulazzjoni relattiva;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-azzjoni attriċi fuq din il-kawżali;

Illi dwar **il-kwestjoni tal-iżball,** l-attur jgħid li hu kien qiegħed jaħseb li kien qiegħed ibigħ nofs mhux maqsum mill-ġardina, imma meta waslitlu l-kopja tal-kuntratt ra li kien tniżżel li kienet inbiegħet il-ġardina kollha;

Illi biex żball iwaqqa' kuntratt, irid jintwera li jkun wieħed sostanzjali, skużabbli u determinanti b'mod tali li, kieku l-fatt kien magħruf lill-parti kontraenti, ma kinitx tersaq għall-kuntratt. Iżda huwa mgħallem ukoll li għalkemm żbalji soġġettivi jistgħu jkunu kapaċi li jikkondizzjonaw il-kunsens fl-attur, dawn ma "jikkostitwux l-iżball oġġettivizżat li jirrigwarda s-sustanza, l-identita' preċiża, l-kwalita' intrinsika tal-oġġett"[17]. Fuq kollox, irid jirriżulta wkoll li l-iżball – biex iservi ħalli jwaqqa' l-kuntratt – irid ikun kawżat mill-parti l-oħra f'kuntratt;

Illi meta wieħed iqis li l-attur hawn qiegħed jirreferi għall-fatt li l-ftehim kien li l-bejgħ kellu jkun tan-nofs mhux maqsum tal-ġardina, u l-kuntratt jgħid li nbiegħet il-ġardina kollha, l-Qorti hija tal-fehma li lanqas f'dawn iċ-ċirkostanzi ma ntwera li tassew kien hemm vizzju tal-kunsens tal-attur. Dan qiegħed jingħad mhux għaliex l-attur qabel li

[17] App. Ċiv. **11.6.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Cauchi vs Borġ et***

jbiegħ il-ġardina kollha, imma għaliex in-nuqqas ta' korrispondenza bejn dak miftiehem fuq l-att tal-konvenju u dak imniżżel fil-kuntratt impunjat ma ntweriex li sar b'ħażen ta' AME imma minn nuqqas (*lapsus calami*) mwettaq min-naħa tan-nutar li fassal il-kuntratt u li l-partijiet naqsu li jiġbdulu l-attenzjoni tiegħu fil-ħin li sar il-kuntratt. Dan huwa nuqqas li seta' u għadu jista' jissewwa b'att korrettorju, kif xehed l-istess nutar u kif l-imħarrek Anton Camilleri *nomine* wera li għadu dispost li jagħmel;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti ma ssibx li l-kawżali tal-attur twassal għall-effetti minnu mitluba;

Illi dwar **il-kwestjoni tal-qerq**, l-attur jgħid li kemm Camilleri u kemm Xuereb "lagħbuh" meta webbluh biex jersaq għal kuntratt wieħed u mbagħad, kif kien aċċetta, raw x'għamlu biex dawruh li jaċċetta li jsiru wkoll iż-żewġ kuntratti l-oħrajn;

Illi l-liġi tgħid li l-kunsens mogħti bi żball jew meħud bi vjolenza jew b'għamil doluż ma jkunx jiswa[18]. Kuntratt magħmul minn xi parti b'kunsens hekk mogħti ma jkunx jiswa lanqas, għaliex il-kunsens huwa wieħed mill-erba' ħtiġiet ewlenin ta' kull kuntratt li jiswa[19]. L-attur ifisser in-nuqqas ta' kunsens tajjeb tiegħu billi jgħid li tant kienet saret pressjoni fuqu (l-iżjed minn Camilleri) imżewqa b'theddid, li r-rieda tiegħu kienet tneħħiet għal kollox u spiċċa għamel dak li qalulu biex jeħles minnhom;

Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu meżżi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali meżżi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra[20]. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir eżaġerat dwar xi kwalita' tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in

[18] Art. 974 tal-Kap 16
[19] Art. 966 tal-Kap 16
[20] Caruana Galizia Notes on Civil Law – Obligations, paġ. 272

kwestjoni[21]. Fil-każ tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawża ta' nullita' tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx biżżejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi[22];

Illi peress li l-għamil doluż ma jistax ikun preżunt[23], fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din[24]. Fil-każ preżenti, dan il-piż kien jaqa' fuq l-attur;

Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabiliti bla xkiel jew diffikulta' żejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'każ bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament użat il-qerq[25]. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-iżball, fil-każ tal-qerq l-effett tal-għamil doluż ma hemmx bżonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun[26];

Illi meta l-Qorti tkejjel dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt u tqabbilhom mal-fatti li joħorġu mill-atti, tasal għal-fehma li lanqas dan l-ilment tal-attur ma jidher mistħoqq;

Illi jibda biex jingħad li huwa minnu li f'xi ħin dak inhar li l-partijiet marru għall-kuntratt, inqala' episodju li minnu jidher li l-attur ma riedx ikompli bil-kuntratt u ried saħansitra jitlaq 'il barra u nżamm bil-forza milli jagħmel dan. Iżda, joħroġ daqstant ieħor ċar ukoll li ftit tal-ħin wara, meta l-attur daħal f'ħanut tat-te u xorob u tkellem ma' Camilleri u Xuereb, kien aċċetta u qabel li jerġa' jmur lura fl-uffiċċju tan-nutar sewwasew biex jagħmel il-kuntratt. Reġa' mar magħhom minn rajh u sa dak il-ħin żgur ma jistax jgħid aktar li mar għax imġiegħel;

---

[21] P.A. **4.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud noe vs Tanti*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.722**)
[22] Art. 981(1) tal-Kap 16
[23] Art. 981(2) tal-Kap 16
[24] P.A. **16.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Barbara vs Schembri*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.699**)
[25] P.A. TM **4.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***P.L. Joseph Żammit noe et vs Joseph Fenech et***
[26] P.A. RCP **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Vella et vs Nażżareno Farruġia et***

Illi, minbarra dan, jirriżulta wkoll li l-attur ma kienx nieqes minn ċerta mġiba fil-konfront ta' ħaddieħor, bħal dik li hu jixli lil ħaddieħor biha. Dan il-fatt joħroġ minn xhieda mogħtija min-Nutar Cassar innifsu[27]. Hemm imbagħad l-element l-ieħor tal-għejja li huwa jgħid li kellu dak inhar li sar il-kuntratt. Jagħti 'l wieħed x'jifhem li waqt il-pubblikazzjoni tal-kuntratt kien prattikament rieqed. Din l-allegazzjoni – ukoll jekk wieħed ma jwarrabx minn quddiem għajnejh il-qagħda kronika ta' saħħet l-attur – ma tidhirx waħda li tista' toqgħod fuqha. Jekk wieħed jara li l-attur innifsu[28] jistqarr li, wara li saru l-kuntratti, Camilleri u Xuereb reġgħu wassluh tas-Sliema ħdejn it-*taxi* tiegħu u hu saq biha lura sad-dar tiegħu fin-Naxxar, wieħed jibda tassew jiddubita kemm dawn iċ-ċirkostanzi li jallega l-attur huma ta' min jemminhom;

Illi mbagħad, hija wkoll inverosimili li sal-ebda ħin qabel ma waslulu l-kopji tal-kuntratt mibgħutin lilu mingħand in-nutar, l-attur ma kienx għadu ntebah li kien għamel kuntratt (għal wieħed tlieta) bla ma tħallas imqar ċenteżmu wieħed mill-prezz tal-bejgħ f'kull wieħed minnhom;

Illi għalhekk, il-Qorti ssib ukoll li l-attur ma seħħux jipprova kif imiss din il-kawżali;

Illi l-attur allega wkoll **il-kawża illeċita.** Qatt ma fisser sewwa x'kienet din il-kawża illeċita. U l-Qorti m'hijiex marbuta li toqgħod tfittex x'seta' kien hemm fil-kuntratt li kien jikser il-liġi, jew li kien imur kontra l-għamil xieraq jew l-ordni pubbliku[29];

Illi għalhekk, lanqas din il-kawżali ma tirriżulta u mhijiex sejra tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

---

[27] Ara x-xhieda tiegħu f'kawża oħra (Dok "D", f'paġ. 114 tal-proċess
[28] Ara affidavit tiegħu f'paġ. 29 tal-proċess
[29] Art. 990 tal-Kap 16

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi fl-ebda parti minnha ma tirriżulta mistħoqqa fil-fatt jew fid-dritt;

**Tiċħad ukoll it-tieni talba attriċi**, billi hija konsegwenzjali għall-ewwel talba; u

**Tikkundanna** lill-attur iħallas l-**ispejjeż kollha tal-kawża.**

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------